MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010

Numru 501/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**vs**

**MARK DIMECH**
**ALBERT BUGEJA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mark Dimech, ta’ 21 sena, iben Peter u Jacqueline nee’ Bugeja, imwieled Pieta’ nhar l-14 ta’ Jannar 1982 u li joqghod Entratura F, Flat 4, Binja Vista, Triq Dun Mauru Inguanez, B’Kara, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 71282(M);

Kif ukoll Albert Bugeja, ta’ 30 sena, bin Contantine u Helen nee’ Vidal, imwieled Pieta’ nhar it-8 ta’ Lulju 1972 u

li joqghod 40, Triq San Pietru San Pawl, Isla, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 300672(M)

Billi huma akkuzati talli f'San Pawl il-Bahar, nhar it-28 ta' Gunju 2001, ghal habta tas-1.00 ta' filghodu, ikkommettew serq ta' flus u oggetti ohra, ikkwalifikat bil-hin, mezz, lok, vjolenza kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija, u li sar ghad-detriment tal-mejta Lucianne Agius minn San Pawl il-Bahar u l-aventi kawza taghha:

Kif ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jikkomettu reat, u cioe' serq ta' oggetti ikkwalifkat bil-hin, mezz, lok, vjolenza, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, ghad-detriment tal-mejta Lucianne Agius minn San Pawl il-Bahar u l-aventi kawza taghha, urew dan il-hsieb b'atti esterni, u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom;
Kif ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma kienetx tiskorri il-hames mitt lira Maltija, imma kienet izjed minn hamsin lira Maltija ghad-detriment tal-mejta Lucianne Agius minn San Pawl il-Bahar u l-aventi kawza taghha

Kif ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;

Kif ukoll Albert Bugeja wahdu qed jigi akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna, ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' il-kuntistabbli 981 Charles Grima, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li

ma titqiex vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' il-kuntistabbli 981 Charles Grima filwaqt li kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-kuntistabbli 981 Charles Grima, skond ma iccertifika Dr. J. Cutajar tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie ikkundannat b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru difinittivi u ma jistghux jigu mibdula;

U fl-ahhanett Mark Dimech qed jigi akkuzat wahdu talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie ikkundannat b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.
Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 7 ta' Settembru, 2005 u nnutat li l-imputati Mark Dimech u Albert Bugeja m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv ir-raba' akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati

wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv ir-raba' akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Carmelo Bartolo ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li r-raba' akkuza migjuba kontra l-imputati, liema raba' akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija raba' akkuza migjuba kontra l-imputati liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Mark Dimech l-artikoli 261(a), (b), (c), (e) u (f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 276, 277, 279(b), 280, 330, 289, 41(1)(a), 49, 50, 31, 17(b), 20 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Albert Bugeja l-artikoli 261(a), (b), (c), (e) u (f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 276, 277, 279(b), 280, 330, 289, 41(1)(a), 49, 50, 31, 17(b), 20, 533, 95, 96 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mark Dimech, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv ir-raba' akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-istess imputat Mark Dimech ghall-piena komplessiva ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija.

Issib lill-imputat Albert Bugeja, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv ir-raba' akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-istess imputat Albert Bugeja ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija.

Rigward ir-raba' akkuza migjuba kontra l-imsemmija imputati Mark Dimech u Albert Bugeja, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Uffical Prosekutur is-Supretendent Carmelo Bartolo ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-

Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija raba' akkuza migjuba kontra l-imsemmija imputati Mark Dimech u Albert Bugeja liema raba' akkuza tirrigwarda ricettazzjoni.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imsemmija imputati Mark Dimech u Albert Bugeja sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallsu f'ammonti ugwali bejniethom lir-Registratur tal-Qrati s-somma totali ta' tmien mija u tlieta u tletin Euro (Euro 833) bhala spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti nominati fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. PS1.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------